**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 28**

**L-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier (wasal 17.45) |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier (wasal 17.37) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 28.01 Qari tal-ittri ta'apoloġija

**28.01.01** Il-Kunsillier Anton Gatt talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**28.01.02** Il-Kunsillier Matthew Spiteri talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 28.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 27)

**28.02.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Jeffrey Scicluna u sekondat mill-Viċi Sindku Keith Bartolo, il-minuti ta' seduta **27** ġew approvati unanimament.

## 28.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**28.03.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat kwotazzjoni rigward assessment ta' Health and Safety li għandu jsir fil-binja tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li dan l-assessjar tal-binja huwa rekwiżit bil-liġi allura jkun fl-interess tal-Kunsill li dan isir. Fuq proniment tal-Viċi Sindku Keith Bartolo u sekondat mill-Kunsillier Andrew Cassar, il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu li dan il-Health and Safety assessment isir sabiex il-Kunsill Lokali jkun konformi mal-liġi.

## 28.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**28.04.01** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera li rċieva komunikat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal rigward tnedija tal-programm *Tfulija*. L-għan ta' dan il-proġett huwa l-promozzjoni ta' Bliet u Rħula li huma xierqa għat-tfal. Is-Sindku John Schembri tenna li bħala Kunsill Lokali jaqblu ma' dan il-prinċipju u fejn jista' jkun ta' għajnuna l-Kunsill Lokali se joffri l-appoġġ tiegħu.

**28.04.02** Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa rċieva komunikazzjoni mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar, *Taħriġ ta' Litteriżmu fl-Intelliġenza Artifiċjali*, għall-pubbliku in ġenerali, b'mod speċjali għall-anzjani. Is-Sindku John Schembri qal li jkun ideali kieku jinstabu 10 anzjani interessati jieħdu sehem f'dan il-proġett. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna ssuġġerixxa li nsaqsu lill-anzjani tad-Day Centre humiex interessati jieħdu sehem f'dan it-taħriġ.

**28.04.03** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera preżenti li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet komunikat li huma se jkunu qed jorganizzaw, *ALDA General Assembly and Festival 2026*. Is-Sindku John Schembri qal li din l-istedina se tintbagħat lill-Kunsilliera kollha, sabiex min hu interessat jieħu sehem, jista' japplika.

**28.04.05** Is-Sindku John Schembri spjega kif il-Kunsill Lokali ġie avviċinat biex jitfa' l-proposta tiegħu għal, *Minn Pjazza għall-Pjazza*, attivita` immirata għall-affarijiet tradizzjonali relatati mar-raħal. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li se jkun qed jissottometti l-proposti tiegħu f'isem il-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega kif se jkun qiegħed jagħmel taqsimiet żgħar b'attivitajiet differenti, bl-għan li tingħata promozzjoni l-istorja rikka taż Ħal Luqa.

**28.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**28.05.01** Xejn. Minkejja li bħal mistoqsijiet ma kienx hemm, il-Kunsillier Frederick Aquilina ssuġġerixxa li jibda jinħareġ rapport tal-messaġġi mibgħuta mill-Kunsilliera fuq Whats App tal-Kunsill biex ikunu jistgħu jagħmlu follow up tar-rapporti tagħhom. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ikkonfermat li mix-xahar li ġej dawn il-messaġġi se jibdew ikunu preżentati waqt il-laqgħa.

**28.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

**28.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li ġiet avviċinata mill-produzzjoni tal-programm, *Bonġu Malta*. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid li ftit tal-jiem ilu, flimkien mas-Sindku John Schembri ltaqgħat ma' persuna responsabbli minn din il-produzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li ngħatat id-data tal-10 ta' Mejju 2026 li fiha se jsir il-programm. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li kif ikollha aktar dettalji se tkun qed tinforma lill-Kunsilliera.

**28.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa kien applika għall-ġemellaġġ f'Cagliari u li dan ġie aċċettat, Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid li data għal dan il-ġemellaġ huma mid-29 ta' Mejju sal-31 ta' Mejju 2026. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell fissret li flimkien mas-Sindku John Schembri ltaqgħu maż-żewġ għaqdiet tal-banda tal-lokal u fis-seduta li jmiss se tkun qed tagħti aktar aġġornamenti dwar dan il-ġemellaġġ.

**28.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ħareġ numru ta' Skemi għas-snin 2026/2027. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dawn l-Iskemi ntbagħatu f'żewġ partijiet. Il-Kunsilliera preżenti bi qbil unanimu qablu li bħala Kunsill Lokali għandna nibbenifikaw minn dawn l-iskemi kollha u nagħmlu l-aħjar użu minnhom.

**28.06.04** Is-Sindku John Schembri flimkien mal-Kunsilliera preżenti qablu li għall-ewwel Skema għall-Attivitajiet Kulturali 2026, b'data tal-għeluq l-14 ta' April 2026, bħala Kunsill għandna nagħmlu l-istess attivita`, *Luqa Sajf Fest*, fl-istess ġurnata, bħalma għamilna s-sena l-oħra. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega huwa ħaseb li bħala Kunsill għandna nippromwovu t-tradizzjonijiet Maltin.

**28.07 Korrispondenza**

**28.07.01** Xejn

**28.08 Approvazzjoni tar-Rapport ta' Hidma**

**28.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat lill-Kunsilliera preżenti r-Rapport ta' Hidma tas-sena 2025. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell f'dan ir-rapport elenkat ħidmet il-Kunsill fis-sena 2025 kif ukoll il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali. Fuq proponiment tal-Kunsillier Andrew Cassar u sekondat mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna dan ir-rapport ta' ħaidma kien approvat b'mod unanimu.

## 28.09 Ġimgħa l-Kbira

**28.09.01** Is-Sindku John Schembri qal li l-fuljett rigward il-Ġimgħa l-Kbira tlesta u beda jitqassam madwar il-lokal. Is-Sindku John Schembri tenna li f'dan il-fuljett huwa linja gwida għal dawk kollha li jixtiequ jduru l-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħal Luqa. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li ftiehem mal-Kappillan sabiex f'Ħamis ix-Xirka jerġgħu jitqiegħdu x-xemgħat fuq iz-zuntier kif ukoll il-fjakkoli. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li min jixtieq biljett għal waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira għandu jinfurmaha minnufih sabiex tavża lill-organizzaturi.

## 28.10 Aġġornament tat-Tenders

**28.10.01** Is-Sindku John Schembri qal li rigward it-Tender ta' Embellishment ġewwa Ħal Farruġ(il-housing estate), Triq ir-Russett l-Abjad, qed jibqa' bla risposta mill-kuntrattur minkejja d-diversii telefonati minnu u diversi tfakkiriet mis-SegretarjuEżekuttiv Astrid Pell. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jekk jibqa' l-kuntrattur ma jagħmilx kuntatt mal-Kunsill, il-Kunsill ikun kostrett jittermina l-kuntratt u jgħaddi għat-tieni offerta vantaġġuża.

## 28.11 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

**28.11.01** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Keith Bartolo, u sekondat mis-Sindku John Schembri, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu bi qbil unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 28.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**28.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 15 ta' April 2026, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa 15 ta' April 2026.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |